

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Pablosky vs EUIPO – docPrice
(mediFLEX easySTEP)**

(Kawża T-21/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva mediFLEX easySTEP – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti Stepeasy – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 313/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Pablosky, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: M. Centell, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo, H. O’Neill u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: docPrice GmbH (Koblenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Landes, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Novembru 2018 (Każ R 76/2018-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Pablosky u docPrice.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-8 ta’ Novembru 2018 (Każ R 76/2018-4), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Pablosky, SL u docPrice GmbH, hija annullata sa fejn din tirrigwarda l-“ilbies” u x-“xedd ir-ras”, inklużi fil-klassi 25 fis-sens tal-Ftehim ta’ Nice.
- 2) L-appell ippreżentat minn docPrice quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO huwa miċħud sa fejn dan jirrigwarda l-prodotti msemmija fil-punt 1.
- 3) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Kull parti hija kkundannata tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 82, 4.3.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Lulju 2020 – Scorify vs EUIPO – Scor (SCORIFY)

(Kawża T-328/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea SCORIFY – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea SCOR – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 313/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Scorify UAB (Vilnius, il-Litwanja) (rappreżentant: V. Viešūnaitė, avukat)